MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 77/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Julian Cesare**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Julian Cesare talli fl-24 ta’ Jannar 2008 ghall-habta ta’ 17:45hrs gewwa Hal-Kirkop minn gol-fond Flt 1 Blk 4 App tal-Karwija gab ruhu b’mod li jaghti fastidju lil Joseph Darmanin li joqghod Flt 3 Blk 4 App tal-Karwija, Kirkop billi daqq jew  ippermetta li tindaqq muzika b’volum gholi.

Il-Qorti giet mitluba illi f’kaz ta’ htija tordna t-tnehhija ta’ kull dizordni jew inkonvenjent;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Julian Cesare hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) mid-data tas-sentenza appellata, u wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ordnat il-konfiska tal-istereo, l-ispeakers u l-amplifier, proprjeta` ta’ l-istess Julian Cesare;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Julian Cesare tas-6 ta’ Marzu 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena, inkluza l-ordni ta’ konfiska ta’ l-istereo, l-ispeakers u l-amplifier proprjeta’ tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti peress illi l-appellant kien qieghed jagixxi b’mod ragonevoli meta huwa kien qed jisma’ l-muzika ta’ l-istereo, u mhux b’volum gholi, biex ighaddi l-hin liberu tieghu fir-residenza tieghu f’hin normali tal-gurnata; (2) l-imgieba ta’ l-appellant ma jikkostitwix ir-reat kontemplat fl-artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In vista ta’ l-ewwel aggravju ta’ l-appellant, irid jigi stabbilit jekk effettivament fid-data u l-hin imsemmijin fic-citazzjoni, kienx qieghed l-appellant idoqq muzika b’volum gholi. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-provi f’dar-rigward juru li effettivament hekk kien qieghed isir. Dan jirrizulta mix-xiehda ta’ Joseph Darmanin, li jabita fl-appartament sovrastanti dak ta’ l-appellant, kif ukoll mill-affidavit ta’ P.C. 858 Carmelo Camilleri. P.C. Camilleri mar fuq il-post meta rcieva r-rapport ta’ Joseph Darmanin u sema’ hu

stess il-muzika li kienet qed tindaqq b'volum gholi. Habbat il-bieb u ma semghuhx imbaghad habbat mit-tieqa ta' barra tal-kamra minn fejn kienet qed tindaqq il-muzika. L-appellant fetahlu, qallu biex jitfi l-muzika izda ghall-ewwel ma riedx ghax qal li kellu dritt idoqq muzika. P.C. Camilleri qallu li m'ghandux dritt idejjaq lill-girien. Dak li jrid jigi stabbilit issa ghalhekk huwa jekk l-agir ta' l-appellant jikkostitwix ir-reat addebitat lilu.

L-appellant gie akkuzat bir-reat kontemplat fl-artikolu 251A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` li bl-agir tieghu ta fastidju lil Joseph Darmanin, liema agir kien jikkonsisti fid-daqq tal-muzika b'volum gholi. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Massimo Tivisini** deciz fis-27 ta' Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:

**"Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz *'Harassment')* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- *'Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose',* dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat *'in isolation'* b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: 'Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez' [21.6.07] :- *'…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien'"***

**….**

**Illi r-reat tal-'fastidju' (fit-test Ingliz *'harassment'*) gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba'**

**imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' (*'alarming')* jew idejjaq (*'causing ..distress')* lill-persuna.**

....

**Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *('alarming the person or causing the person distress'* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew *'harassment'.* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jinbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati."**

Issa, quddiem din il-Qorti hemm zewg kazijiet separati kontra l-istess appellant li jittrattaw l-istess tip ta' reat. Dan il-kaz jirreferi ghall-24 ta' Jannar 2008 filwaqt illi l-kaz l-iehor jirreferi ghad-9 ta' Ottubru 2007. Joseph Darmanin izda xehed illi l-appellant ilu ghaxar snin jittanta bil-muzika gholja, u jirreferi ghal kaz iehor fis-sena 2000. Fil-fatt mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant jirrizulta li fl-24 ta' Frar 2000 instab hati li kiser il-mistrieh b'muzika gholja. Mhux darba li nforma lill-appellant li kien qieghed jiddejjaq bis-sitwazzjoni. Il-pulizija gejjin u sejrin. Li jaghmel hu li jissaporti siegha mbaghad icempel l-ghassa, jigu l-pulizija, l-appellant jieqaf idoqq mbaghad jerga' jibda. Qal illi gieli

hu u l-mara kellhom johorgu dawk is-saghtejn ta’ wara nofs inhar joqoghdu fil-karozza. P.S. 850 Simon Buttigieg ikkonferma li kien hemm hafna rapporti fuq il-muzika. Minn dan jidher car li jezisti l-element ta’ ripetizzjoni u tal-persistenza f’dan il-kaz, u ma kienx ghalhekk kaz uniku.

L-appellant isostni illi d-daqq tal-muzika ma kienx dirett lejn persuna specifika. Din il-Qorti ma taqbilx peress illi huma Joseph Darmanin u l-mara tieghu li jghixu ezatt fuq l-appellant. Huwa Joseph Darmanin li ripetutament talab lill-appellant biex jiddezisti, anke permezz tal-forzi ta’ l-ordni. Il-ligi ma taghtix definizzjoni specifika u dettaljata tar-reat in dizamina u dan, kif intqal fis-sentenza citata, jaghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta’ diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex l-agir ta’ l-appellant m’ghandux jitqies bhala agir li huwa kopert bir-reat kontemplat fl-artikolu 251A(1). Huwa normali li persuni li jghixu fi blokk appartamenti jkunu esposti ghal hsejjes ta’ xulxin, izda dawn iridu jkunu hsejjes ragjonevoli u b’mod li ma jaghtux fastidju lil haddiehor. Izda hawn si tratta ta’ agir (id-daqq ta’ muzika b’volum gholi) ripetut u persistenti li “dejjaq” (*“caused distress”*) lill-familja Darmanin. Persuna m’ghandhiex tkun sahansitra imgieghla titlaq mir-residenza taghha semplicement biex issib ftit trankwillita`. Konsegwentement l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Issa, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ordnat il-konfiska ta’ l-apparat u ta’ l-istereo koncernat. Pero` ma gie esebit l-ebda apparat quddiem l-ewwel Qorti. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti temmen illi fl-interess tal-bwon vicinat huwa aktar opportun li taghti provvediment skond l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ordnat il-konfiska tal-istereo, l-ispeakers u l-amplifier koncernat u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna li l-appellant stess jirrimwovi dan l-apparat minn fejn jinsab, u

dan fi zmien jumejn, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------